FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' OTTUBRU 2001

Avviz Nru:- 810/94 DM

Carmen Cilia

vs

Carmela Grech u b'digriet tas-7 ta' Marzu 1995 gie kjamat fil-kawza d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jizgombraw mill-fond 36, K Mifsud Street, G'Mangia fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat prevja l-okkorendo dikjarazzjoni li l-konvenuti qed jokkupawh bla ebda dritt validu fil-ligi u bla titolu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 1994 u tal-ittra legali tat-12 ta' Settembru 1994 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix l-erba u ghoxrin

lira (Lm24).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmela Grech fejn eccepiet:

1) Illi hi ilha zmien twil tokkupa l-fond 36, K Mifsud Street, Gwardamangia b'titolu validu u skond il-ligi;

2) Illi dan il-fond kien gie rekwizizzjonat fid-9 ta' Settembru 1976 u din ir-Requisition Order numru 16124 ghadha in vigore;

3)Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-7 ta' Marzu 1995 fejn gie kjamat fil-kawza id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza fejn eccepixxa:

1) Illi t-talba attrici ghall-izgumbrament hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante requisition order fuq il-post de quo.

2) Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti fuq il-fatti rilevanti.

Infatti jirrizulta stabbilit illi l-fond 'de quo' kien gie, fis-7 ta Jannar 1971, koncess mill-attrici in enfitewsi temporanea li skadiet fis-6 ta Jannar 1994.

Inoltre jirrizulta ukoll li matul din l-enfitewsi, fid-9 ta Settembru 1976 inharget Requisition Order (Numru RO16124 - kopja esibita a fol. 10) fuq il-fond in kwistjoni, in forza ta liema, il-konvenuta kienet giet allokata ir-residenza taghha fl-istess fond.

Inoltre b'Ordni ohra tal-kjamat fil-kawza, il-konvenuta kienet giet ordnata fis-16 ta Awissu 1994 biex tikkonsenja c-cwievet tal-istess fond meta tohrog minnu lid-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

L-allokazzjoni tal-fond lill-konvenuta mid-Dipartiment tad-Djar saret fis-7 ta Mejju 1980 u jidher li l-konvenuta ilha tabita fil-fond 'de quo' minn dak inhar kif jirrizulta ukoll mir-registrazzjoni taghha bhala l-konsumatric ta dawl u ilma fil-fond.

Il-kontendenti jaqblu ukoll illi la l-attrici u lanqas l-enfitewta ta qabilha ma kienu gew interpellati b’xi ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 8 tal-Kap 125 sabiex jirrikonoxxu lill-konvenuta bhala inkwilina tal-fond ‘de quo’.

Ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta m’ghandha ebda relazzjoni diretta mal-attrici u qedgha tabita fil-fond in kwistjoni esklussivament in forza tal-awtorizzazzjoni moghtija liha bl-Ordni ta Rekwizizzjoni.

L-attrici ghandha relazzjoni diretta mal-kjamat fil-kawza, id-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali, li ghandhu l-pussess esklussiva tal-fond in forza tal-istess Ordni ta Rekwizizzjoni li tirrizulta li ghadha in vigore.

L-istess Ordni ta rekwizizzjoni tghati lid- Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali id-dritt ukoll li jalloka l-fond rekwizizzjonat lill-terzi u  li jawtorizzahom li jabitaw go fih, irrispettivament mill-adezjoni jew rikonoxximent tas-sid, minghajr ebda obbligu li f’xi terminu huwa ghandhu jwassal lill-abitant u lis-sid f’xi relazzjoni guridika ta sid u kerrej.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi definitivament michuda fil-konfront tad- Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali in vista tal-imsemmija Ordni ta Rekwizizzjoni u konsegwentement michuda ukoll fil-konfront tal-konvenuta li giet mqedgha fil-pussess tal-fond mill-istess Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali kif huwa awtorizzat li jghamel.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

……………………………………………….

Magt Dr. D. Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
civil 12

-